**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Mejju 2018.**

**Rikors Numru 126/2015 CSH**

**Francis Pace**

**Vs**

1. **Marcel Bencini**
2. **Patrick Abdilla**

**u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2017 gew kjamati in kawza l-ex membri tas-Siema Pigeon Racing Club u cioe' George Debono, Antoine Borg, Patrick Abdilla, Ramon Bencini, Anthony Borg, Gordon Farrugia, Jason Falzon, Stephen Schembri, Marco Formosa, Marco Camilleri, Dominic Abela u Reuben Abela.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-attur li gie pprezentat nhar l-20 ta' April 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li premess illi fis-6 ta' Ottubru, 2013 permezz ta' cheque nru. 380 fuq kont tal-APS Bank Ltd bin-numru 13066630017 ir-rikorrenti wettaq pagament lilhom f'isem Sliema Racing Pigeon Club fl-ammont ta' €4,000.

Peress illi dan il-pagament gie ottenut, u sar, frott ta' frodi u pretesi foloz da parti taghhom u di piu' irrizulta wkoll li l-oggetti li huma kkonsenjaw lil

Francis Pace bhala korrispettiv ta' dak il-pagament lanqas kienu jappartjenu lil Sliema Area Racing Pigeon Club imma kienu jappartjenu lil terzi persuni, u cioe' lil Federation of Racing Pigeon Clubs.

Peress ukoll illi l-ftehim bejniethom kien fis-sens li kontra dan il-pagament, il-membri tal-Kumitat ta' Sliema Area Racing Pigeon Club kienu ser jirrizenjaw mill-karigi ufficjali taghhom sabiex imbaghad, ir-rikorrenti u ohrajn jinhatru huma bhala ufficjali tal-Club, u fil-mument li huma sarrfu c-cekk mahrug mir-rikorrenti, huma kienu diga' jafu li m'humiex ser jezegwixxu din il-parti mill-ftehim. Ghall-kuntrarju, huma ddikjaraw Sliema Area Racing Pigeon Club bhala xolt.

U peress illi, ghaldaqstant, dan il-pagament sar indebitament, u r-rikorrenti ghandu d-dritt jitlob ir-rimborz tal-flus kollha li huwa hallas lilhom, flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett mid-data tal-hlas sad-data tar-restituzzjoni effettiva.

Jghidu ghalhekk huma ntimati ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-pagament hawn fuq imsemmi sar indebitament u illi huma personalment avvantaggjaw rwiehom indebitament minn dak l-istess pagament;
2. Konsegwentement tikkundannhom sabiex jirrifondu dan il-pagament lir-rikorrenti bl-imghaxijiet b'effett mis-6 ta' Ottubru 2013.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa msejjhin.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ittra Ufficjali Nru. 16/2015.

Rat ir-risposta ta' **Marcel Bencini** (I.D. 453947M) u **Patrick Abdilla** (238667M) fejn esponew:

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li **ma humiex il-legittimi kontraditturi:** kif inhu evidenti mir-rikors promotur stess in-negozju kien ma' Sliema Area Racing Pigeon Club u mhux maghhom;

2. Illi fit-tieni lok ir-rapprezentanza tal-Club fuq imsemmi, bhala ghaqda, jirrisjedi fil-membri kollha u mhux fl-intimati: Id-decizjoni li l-ghaqda tigi xolta kienet wahda mehuda mill-membri kollha tal-ghaqda.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess ma huwiex minnu li l-esponenti avvantaggjaw irwiehhom personalment: il-flus li thallsu, thallsu lil Sliema Area Racing Pigeon Club.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal premess, it-trasferiment ta' l-oggetti trasferiti lir-rikorrent kien validu fil-ligi, billi l-ghaqda Sliema Area Racing Pigeon Club kellha l-pussess legittimu ta' l-oggetti trasferiti, in oltre n-negozju kien sar bl-assistenza tal-membru tal-kumitat tal-Federation of Racing Pigeon Clubs. Huwa minnu li wara t-trasferiment din il-federazzjoni ressqet xi pretenzjonijiet dwar <u>ftit</u> mill-panniers li kienu nbieghu izda sussegwentement waqqghet dawn l-istess pretenzjonijiet.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess, l-allegazzjoni li kien hemm ftehim li *"il-membri tal-Kumitati ... ser jirrizenjaw ... Imbaghad, ir-rikorrenti u ohrajn jinhatru bhala ufficjali tal-Club'*, hija kompletament inveritiera. Dak qatt ma kien il-ftehim.

6. Illi fir-realta', in-negozju kien wiehed semplici ta' bejgh ta' gageg u oggetti ohra relattivi ghal Racing Pigeon Club, u dana fil-kuntest li l-ghaqda *Sliema Area Racing Pigeon Club* kienet gja ddecidiet li riedet tillikwida l-assi taghha sabiex tkun tista' taghlaq, kif fil-fatt gara.

7. Illi fl-ahhar nett huwa l-obbligu tar-rikorrenti li jgib prova skond il-ligi tal-fatti allegati minnu;

8. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Fit-30 ta' Settembru, 2015 xehed **Francis Pace** fejn beda billi kkonferma illi fis-6 ta' Ottubru 2013 kien gibed mill-kont li ghandu mal-APS, is-somma ta' erbat elef Ewro (€4000) u bihom kien hallas lil Sliema Area Racing Pigeon Club bihom w dan wara li kien cempillu Charles Farrugia fejn qallu illi Sliema Area Racing Pigeon Club kien ser izarma w staqsieh jekk kienx interessat li jakkwista l-klabb. Spjega illi dan Charles Farrugia kien membru tal-Federation. Dan kien infurmah illi l-ewwel kienu nteressati tal-Belt biex jixtru dan il-klabb, pero' mbaghad kien cempel lilhom bl-iskop illi jiehdu dan ir-racing club lir-rahal tieghu. Qal li sussegwentement kien mar ma' Charlie Farrugia fis-Sliema Racing Club u hemmhekk kien iltaqa' mal-kumitat kollu. Qal li mieghu ghall-kumpanija kienu marru wkoll certu Josette Stellini u Mark Cilia. Huma kienu nteressati li jixtru l-klabb u jiehduh fir-rahal taghhom. Qal li tali diskors ma sarx biss mal-konvenuti odjerni, izda mal-kumitat kollu u d-diskors sar minn Charles Farrugia. Spjega illi dan il-klabb ghandu numru tmienja (8) mal-Federation. Id-diskors kien sar minn Charles Farrugia mal-kumitat. Qal li meta l-klabb talabhom il-prezz li xtaq, huwa w Charles Farrugia hargu barra biex jiddiskutu fuq il-prezz. Spjega li bil-flus li hallas kien se jakkwista l-permess ghall-klabb numru tmienja, pero' hu kien fehem ukoll li bl-erbat elef li kien se jhallas kien se jiehu l-gageg u l-kompjuters u l-attrezzaturi, w fil-fatt il-klabb dawn kienu

ghaddewhomlu wkoll. Pero' mbaghad it-transfer tal-licenzja effettivament ma sarx. Dan it-transfer kellu jsir sabiex il-klabb numru tmienja jixxiftja minn Tas-Sliema ghax-Xewkija Ghawdex, fis-sens li l-klabb numru tmienja kellu jghajjat 5, St. Dominic Street, Xewkija.

Sostna li c-cekk hargu f'isem Sliema Area Racing Club w ghaddieh lis-Sur Bencini. Ftakar li n-negozju kien sar il-Hadd u l-ghada c-cekk kien issarraf.

Qal li sussegwentment milli jidher lil tal-kumitat kienu ghajtulhom mill-Federation u x'gara aktar ma jafx, jaf pero' li n-negozju sfratta. Sussegwentement ix-xhud jghid li kien baghat email lill-Federation biex javzahom bin-negozju li kien sar u sabiex il-korrispondenza tal-klabb tigi mibghuta lilu. Ezebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dokument CSH u CSH1 li hija l-korrispondenza li ghaddiet bejnu w bejn il-Federation. Zied illi xi gimgha wara kien ircieva email lura mill-Federation (li giet immarkata bhala Dokument CSH) fejn kienu nformawh illi l-klabb tmienja kien gie maghluq, ma kienx ghadu jezisti. Tenna li t-transfer ma sarx. Hawnhekk ix-xhud esebixxa l-ftehim li sar bejnu w il-konvenuti. Dan gie mmarkat bhala Dokument CSH3.

Iddikjara li l-oggetti li effettivament gew trasferiti lilu permezz ta' dan il-ftehim, ghadhom ghandu sa llum. Darba minnhom kien cempillu s-Sur Bencini w talbu jirritorna l-affarijiet li kellu ghax sostna li huma tal-Federation u l-Federation kienet taghthom erba' gimghat zmien sabiex jirritornawhom. Spjega li konsegwentement ghalhekk parti mill-affarijiet li gew trasferiti lilu kienu jappartjenu lill-Federation.

Sostna li l-flus li hallas qatt ma hadhom lura izda baqghu f'idejn is-sinjuri. kien hu li nformah bin-negozju. Qal li c-cekk kitbitu Josette Stellini. Ikkonferma li l-assi tal-klabb gew mghoddija lilu w ghadhom ghandu sa llum. Qal li Ghawdex hemm zewg klabbs ohra tal-hamiem. Temm billi qal li huwa qatt ma rregistra l-klabb.

**Francis Pace** rega' xehed fil-21 ta' Ottubru, 2015 u esebixxa photo image ta' cekk mahrug minnu w mghoddi lil Sliema Area Racing Pigeon Club. Dan hu datat 6 ta' Ottubru 2013 u nhareg mill-kont tieghu mal-APS Bank. Qal li c-cekk issarraf u gie *placed to the credit* ta' kont HSBC u gie kkreditat fis-7 ta' Ottubru 2013. Dan id-dokument gie mmarkat Dok. FP.

**Francis Pace** rega xehed nhar il-15 ta' Jannar, 2018, fejn qal illi huwa minnu li hu dahal fi trattattivi dwar il-Klabb tal-Ħamiem f'Tas-Sliema. Kien qed jittratta f'ismu proprju. Tenna illi l-prezz li huma ftehmu dwaru kien jinkludi biss il-permess. Ma kienx jinkludi l-gaġeġ u dan għaliex kien jaf li l-gaġeġ jappartjenu lill-Federation u mhux lill-klabb. Huma kienu ħa jibqgħu mal-istess Federation u għalhekk il-gaġeġ kellhom jibqgħu hemm.

Qal li però li d-diriġenti tal-klabb ta' Tas-Sliema kienu għaddewlhom il-gaġeġ u l-gaġeġ illum jinsabu ġewwa garaxx Għawdex. Il-gaġeġ għadhom għandu però mhux qed jużahom. Sostna illi l-gaġeġ kienu nkorporati fil-prezz li ħallsu għalih.

Fil-21 ta' Ottubru, 2015 xehed **Mark Cilia** li qal li jiftakar li kien gie Malta ma' Francis Pace fejn kien prezenti waqt laqgha fejn gie miftiehem li effettivament kien se jinbiegh il-permess tar-Racing Pigeons lil Francis Pace ghas-somma ta' erbat elef (€4,000) u mal-permess kellhom jghaddulu l-affarijiet li kien hemm li kienu jappartjenu lill-Federation bhal computer, printer u xi panniers. Ix-xhud jaf li l-Pigeon Racing ta' Tas-Sliema kellhom skrivanija tal-plastik u xi lockers li nghataw lis-Sur Pace bhala parti mill-prezz. Qal li pitghada kienu marru fuq il-post u gabru l-armar u l-affarijiet li kienu ftehmu dwarhom fil-laqgha. Spjega li hu kellu nteress ghaliex kien se jiftah dan il-club ma' Pace gewwa Ghawdex u fil-fatt kienu xtraw il-permess. Qal li kienu ftehmu li kellhom jaghtu l-indirizz u d-dettalji taghhom lill-Federation biex jinbidel l-indirizz tal-permess pero' spjega li wara Pace kien ircieva xi email mill-Federation fejn qalulu li dan ma kienx possibbli.

Fis-27 ta' Jannar, 2016 xehed **Johan Farrugia** Segretarju Generali fil-Federazzjoni tal-Hamiem. Dan qal illi l-club numru tmienja li kien sitwat Tas-Sliema kien jifforma parti mill-Federation, pero' llum dan il-club huwa maghluq. Ftakar li fil-fatt il-membri tal-club kienu marru l-Federazzjoni. Sa fejn jaf hu dawn kienu l-Kaxxier, is-Segretarju w il-President tal-Club u kienu qalulhom illi kien hemm diffikultajiet li l-club ikompli jimxi w fil-fatt li xtaqu jitrasferixxu l-club Ghawdex. Huma nfurmawhom li dan ma setax isir. Il-club ikun qieghed hemm biex jiehu hsieb dik l-area partikolari. Spjega li hemm certi regoli biex jinfetah club gdid u Club Ghawdex bir-regoli ezistenti ma jistax jiftah. Inoltre zied li jekk ma jkunx hemm elf u hames mitt membru, ma jistax jinfetah club iehor u li fil-prezent bhala membri hemm elf u tmenin. Ix-xhud qal li hu ma dahalx fin-negozjati dwar dan in-negozju u fil-fatt meta kien sema'li kien se jsir trasferiment kien gibdilhom l-attenzjoni li qabel ma jaghmlu pass kellhom imorru l-Federazzjoni w jinfurmawhom b'dak li kienu ha jaghmlu. Peress li fil-fatt kien hemm affarijiet li se jinbieghu, kien ghalhekk li nfurmahom. Kompla jghid li hu kien tkellem ma' wiehed mill-ufficjali tal-club 8 u zied li sa fejn jaf hu dawn kienu marru l-Federation meta n-negozju kien diga sar, cioe' dak fejn l-club numru 8 kienu bieghu xi affarijiet lill-Ghawdxin. Meta effettivament il-club kien gie xolt, il-club 8 kienu rritornaw xi affarijiet lill-Federation u l-Federation kienu hallsuhom taghhom. Sostna li kien il-club 8 li kien talab l-gheluq tieghu u mhux il-Federation talbitu, w dan ghax kienu qalulhom li ma kellhomx *human resources* biex ikomplu jmexxu l-club li effettivament kien l-izghar club li kellhom.

Pero' x-xhud qal ukoll li ezattament f'hiex kien jikkonsisti n-negozju, hu ma jafx. Gie muri tliet emails ezebiti fl-atti a fol 20, 21, 22 tal-process u spjega li dawn l-emails gew mibghuta lilu u wegibhom hu wkoll. Esebixxa statut tal-Federation u nnota li fejn jidhlu kwistjonijiet dwar trasferimenti ta' clubs ir-regolamenti baqghu l-istess. Dan id-dokument qed jigi mmarkat bhala Dokument JF1. Qal li dam jokkupa l-kariga ta' Segretarju Generali tal-Federazzjoni mis-sena 2003 sa 2013. Mistoqsi ma' min tkellem, stqarr li ma

jiftakarx bl-amment. Sostna li huwa qatt ma kien gie nfurmat ufficjalment dwar dak li kien bi hsiebu jaghmel il-club 8, ghalkemm kien obbligu taghhom li jaghmlu dan, u kien ghalhekk li hu ma nfurmahomx bil-miktub. Jaf li Charles Farrugia kien il-president tal-club 8 pero' jaf ukoll li fis-sena 2013 dan kien membru fil-Kunsill tal-Federazzjoni li hu maghmul minn disa' (9) membri. Meta gie suggerit lilu illi kien tkellem ma' Charles Farrugia dwar dan it-transfer, qal illi jista' jkun, pero' sostna li hemm differenza bejn meta bniedem jitkellem f'kapacita' personali ghal dik amministrattiva. Skont hu l-procedura kellha tkun li una volta l-club 8 ma setax ikompli, dana kellu jigi maghluq, xolt, u mbaghad ikun hemm spazju ghal club iehor. Ghalhekk l-Ghawdxin kellhom japplikaw mill-gdid u jinghataw club iehor, mhux l-8 izda jizdied numru iehor. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-club kien biegh xi affarijiet lill-Ghawdxin, qal li sar jaf pero' wara li kien sar in-negozju. Ix-xhud qal li ma jafx kemm kellhom *panniers* il-club ta' Tas-Sliema, pero' jaf li meta nbieghu hallsuhom taghhom. Il-*panniers* in kwistjoni kienu tqassmu fis-sena 2001, pero' records kemm qassmu panniers m'ghandhomx. Jaf li l-flus kienu inghataw lill-President u sa fejn jaf hu kienu flus kontanti. Kemm kien hemm panniers ma jafx u lanqas kemm ingabru flus. Pero' jghid li l-club kellu l-obbligu li dawn il-panniers ma jbieghuhomx, izda kellhom jirritornawhom lura lejn il-Federation.

Illi fis-16 ta' Marzu, 2016 xehed **Marcel Bencini** li ddikjara li huwa wiehed mill-*co-founders* tal-*clubs* tal-hamiem u f'xi zmien anke kien Kaxxier u Segretarju ghax il-*club* kien naqqas hafna mill-membri. Qal illi bejn l-2010 u l-2012 il-membri naqsu hafna w kien hemm anke fosthom min miet. Sostna li ma setghux ikampaw finanzjarjament ghax il-loghob jinvolvi hafna spejjez u kontra qalbhom kellhom jiddeciedu li jaghlqu l-*club* u l-unika alternattiva li kellhom kienet li jbieghu l-assi tal-*club* sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn li kellhom. Kompla jsostni li kemm hu kif ukoll Patrick Abdilla agixxew f'isem il-*club* u ghalhekk huma ko-responsabbli ghall-*club*.

Ftakar li darba minnhom kienu rcevew telefonata w effettivament kien sar appuntament ghal Hadd filghodu fejn laqqghu lill-membri kollha li kien ghad

fadal li kienu xi tnax jew erbatax. Jaf li kien prezenti Charles Farrugia li dak iz-zmien kien il-membru fuq il-Bord tal-Federation u kien anke ex-president tal-Federation ghalhekk fl-opinjoni tieghu, Farrugia kien konxju tal-affarijiet. Stqarr li kienu jafu li kien hemm xi grupp ta' nies li xtaqu jifthu *club* u peress li Farrugia huwa mill-Belt hasbu li l-*club* kien se jkun mill-Belt u bdew jinnegozjaw, fis-sens li huma talbu somma w Farrugia ghamel l-offerta tieghu fejn f'xi hin anke hareg mill-kamra biex jiddiskuti ma' shabu. Meta kkonkludew, Farrugia kien lest li jtihom somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) u in segwitu' rega' hareg mill-kamra. Ix-xhud qal li huwa w shabu Patrick Abdilla w il-membri l-ohra li kienu prezenti ghal-laqgha, komplew jiddiskutu w iddeciew li kellhom jaccettaw li jbieghu l-assi tal-*club* ghall-prezz ta' erbat elef Ewro (€4000). Zied li wara li accettaw, gew infurmati illi l-*club* kien ha jinfetah Ghawdex. Qal li fil-fatt huma ma kellhom l-ebda ftehim preliminari mal-Ghawdxin. Ikkonferma li l-assi tal-*club* kienu jikkonsisti primarjament f'xi hmistax-il *panniers* tal-aluminium u li jiswew hafna flus. Kien hemm ukoll xi gageg peress li kienu jorganizzaw xi *pigeon shows*. Inoltre kien hemm anke xi *cabinets* tal-ufficcju, kompjuter u xi makkinetti u crieket tal-hamiem.

Ikkonferma illi ghalkemm in-negozjati kienu saru ma' Charles Farrugia, effettivament kien Francis Pace li hareg cekk f'isem il-*club* ghas-somma ta' erbat elef Ewro (€4000). L-affarijiet kollha li kienu ftehmu dwarhom hadhom l-ghada. Iddikjara li l-affarijiet li bieghu kienu kollha tal-*club* u mhux tal-Federation pero' cio' nonostante l-Federation bdiet tikkontendi li effettivament l-affarijiet li kienu bieghu ma kienux taghhom u ghalhekk kienu baghtu ghalihom. Ftakar li kienu marru huwa flimkien ma' Patrick Abdilla u l-Vici President Anthony Borg, pero' sostna li hemmhekk huma ma kellhomx *bargaining power* u zied jispjega li peress li huma membri tal-Federation setghu jitwaqqfu milli jsuqu l-hamiem. Ghalhekk waslu fi ftehim li jaghtuhom flus li jirraprezentaw hlas ta' sitt *panniers* filwaqt li ccargjawhom tal-kompjuter. Zied jispjega li minkejja li ghalqu l-*club*, il-post kien ghadu mikri lilhom. Stqarr li hu ma xtaqx li jaghlaq. Qal li ghalhekk mal-Federation, il-*club* ikun *dormant* u huma jibqghu

ihallsu l-kera sabiex forsi terga' tigi l-opportunita' li jerga' jinfetah. Iddikjara li pero' l-Federation dan ma riditux u kien ghalhekk li ddecidew li kellhom jaghlqu.

Huwa qal ukoll li ghalkemm is-Sur Pace l-attur gieli kellimhom, pero' ftehim mieghu qatt ma kien hemm. Sostna li huma ghamlu biss bejgh semplici w qatt ma qalu lis-Sur Pace li kienu se jbieghulu xi licenzji. Ikkonferma illi l-*club* ikollu *code number* u huma kienu *club* 08 ghaliex tas-Sliema kien it-tmien *club* li fetah. Spjega illi huma jirringjaw il-hamiem u fuq ic-curkett ikun hemm dan il-*code number*. Kompla li sta ghall-Federation jekk jifthux *club* iehor bin-numru tmienja jew le. Insista li huma qatt ma ddiskutew ma' Charles Farrugia li jkun hemm *transfer* tal-*club* u waqt il-laqgha li kellhom ma' Charles Farrugia kienu ddiskutew biss il-bejgh tal-*pannier* ghaliex il-*code* tal-*club* ma jistax jinbiegh. Ikkonferma li huma hallsu lill-Federation xi elfejn Ewro (€2000).

Cahad li lilu xi hadd kellmu fuq xi *transfer* ta' *club* u zied li hu ma ha l-ebda flus ghaliex dawn dahlu fil-kont tal-bank tal-*club*. Sahaq ukoll li m'huwiex minnu illi l-Federation baghtet ghalih qabel ma sar in-negozju ghaliex kien hemm xi ghajdut illi l-*club* kien ha jigi trasferit. Pero' jekk il-Federation baghtitx ghal tal-*club* ma jafx. Zied li meta kienu qeghdin il-Federation kien sar xi diskors dwar it-trasferiment tan-numru tmienja, pero' dan sar wara li kien sar il-bejgh. Stqarr li Charles Farrugia u Francis Pace kienu jafu li kienu sa jaghlqu l-*club*, pero' t-tama kienet li kienu se jzommu l-*premises* ghalkemm lil Charles Farrugia u lil Francis Pace ma qalulhomx li xtaqu jzommu l-kirja. Qal li hu accenna ghal dan meta kienu marru l-Federation.

Ix-xhud qal li huwa minnu li xi gimgha wara dan il-bejgh xoljew il-*club*. Il-*club* xtaq li huma jhallsu d-dejn u jzommu l-*premises*, pero' l-Federation ma hallithomx izommu l-kirja ta' Tas-Sliema minkejja li kienet wahda baxxa. Skont ix-xhud bejn li sar l-bejgh u dehru quddiem il-Federation, kien hemm kwistjoni ta' gimghat.

Illi fis-27 ta' April, 2016 xehed **Patrick Abdilla** prodott mill-konvenut fejn qal illi l-club tal-hamiem Racing Area Pigeon Club Sliema, 110, Viali Street, Sliema, kien falla. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' president ta' dan il-club. Spjega li kienu gew avvicinati minn Charles Farrugia, li kien ex-president tal-Federation u membru fil-bord ta' dak iz-zmien, u li allura kellu esperjenza u kien jaf x'kien qed jigri, peress li dan kien imhajjar biex jixtri l-assi tal-club fosthom panniers, computers, satelliti, ikel tal-hamiem, crieket tal-hamiem li huma enumerati. Ix-xhud qal li huwa tkellem mas-segretarju w ma' shabu membri u qablu biex isir dan il-bejgh. Iltaqghu l-club fil-premises taghhom, fejn kienu talbuh s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000). Ix-xhud qal li prezenti mieghu kien hemm il-kumplament tal-membri. Intlahaq qbil illi kienu se jbieghu dawn l-affarijiet ghas-somma ta' erbat elef Ewro (€4000). Sostna li n-negozju sar ma' Charles Farrugia, dan tahom il-flus permezz ta' cekk u huma tawh l-affarijiet li taghhom hemm inventarju. Dwar licenzja pero' ma tkellmu xejn.

Spjega li l-affarijiet li kellhom kienu nxtraw permezz tal-mizati tal-club stess u hemm xi qliegh fit-tigrijiet li huma flus tal-club. Qal li ghalhekk mal-medda taz-zmien dawn l-affarijiet kienu hallsu ghalihom huma u ma kienux proprjeta' tal-Federation. Kompla li sussegwentement kienu gew infurmati mill-Federation li kien hemm xi problema u kienu qeghdin jitolbu xi flus. Il-kumplament ta' shabu w hu qablu li kellhom ihallsu l-federation dak li kienu qeghdin jipretendu minn ghandhom basta jhalluhom isuqu. Fil-fatt hallsuhom u nghataw ricevuta tal-hlas li ghamlu u ghalhekk il-kwistjoni taghhom fil-club ta' Tas-Sliema mal-Federation waqfet hemm. Ix-xhud qal li kien wara li spicca n-negozju kollu li kien sema' illi Charles Farrugia kien se jkollu t-tielet club f'Ghawdex minkejja li kienu hasbu li se jkun hemm club gdid il-Belt.

Spjega li meta kien mar Charles Farrugia jkellimhom, mieghu kellu xi erba' min-nies pero' min huma ma jafx u qatt ma kien rahom qabel. Waqt in-negozjati kien hemm Stephen u Anthony wkoll, anzi qal li fil-fatt dawn jinqalghu aktar minnu w kienu huma li tkellmu. Huwa kemm iffirma biss bhala president ghaliex xi hadd irid jiffirma w mhux ghax in-negozju ghamlu hu u lanqas l-affarijiet ma

kienux tieghu. Qal li panniers kellhom xi hmistax, li huma tal-aluminium u jiswew xi €175-il wiehed. Tmienja minn dawn il-panniers kienu xtrawhom lesti u s-sebgha li gew bil-paroli maghhom il-federation. Il-panniers kienu ilhom fil-pussess tal-club ghal zmien twil, snin, aktar minn hames snin. Esebixxa l-inventarju tal-affarijiet li gew mibjugha u dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument BM. Ma' dawn qal li kien hemm tnejn jew tliet arloggi tal-hamiem li kienu qodma. Stqarr li bhala club kellhom xi dejn mad-dawl u effettivament hallsu d-dejn bihom u l-club falla. Sostna li l-flus li taw lill-federation harguhom minn buthom. Ikkummenta li kieku kellhom xi dubju ma kinux jaghtu l-post lura lis-sid, ghaliex kull ma kellhom kera kienu tletin lira.

Illi fl-1 ta' Gunju, 2016 xehed **Anthony Borg**. Dan qal li hu kien membru tal-kumitat tas-Sliema Pigeon Racing Club u kien jokkupa l-kariga ta' vici president. Ftakar li kien mar ikellimhom Charlie maghruf bhala tal-Belt u dan ghaliex il-finanzi tal-club ta' Tas-Sliema ma kienux tajbin u staqsa jekk xtaqux ibieghu l-club u cioe' l-assi tal-club ghaliex il-bini ma kienx taghhom. Insista li effettivament kien Charlie li kien tkellem dwar dan in-negozju u huma rrangaw mieghu. Qal illi meta kien mar ikellimhom kellu erba' min-nies ohra mieghu, li kienu qeghdin barra. Charlie kunjomu Farrugia. Qal li tawh prezz, hareg jitkellem man-nies li kien hemm barra fuq dan il-prezz, rega' dahal, tahom prezz hu w huma accettaw. Qal li l-prezz kien bejn wiehed u iehor jew xi tlett elef u hames mija jew erbat elef, ghalkemm l-offerta originali kienet ta' hamest elef. Zied li bil-flus li rcevew hallsu l-kontijiet li kellhom mal-federation, il-kera u d-dawl u ilma. Mistoqsi jekk kienx fadal xi bilanc, wiegeb li ma jidhirlux, pero' zied li din hija kwistjoni ta' jdejn il-kaxxier li kien Marcel Bencini. Meta gie muri c-cekk FP ezebit fl-atti a fol 30 qal li jista' jkun li dana kien ic-cekk li rcevew pero' effettivament ic-cekk kien qalilhom dwaru l-kaxxier u hu ma rahx. Sa fejn jaf hu n-negozju sar ma' Charles Farrugia, ghalkemm mieghu kien hemm tliet irgiel u mara, pero' maghhom ma tkellmux. Muri d-dokument a fol 43 tal-atti qal illi fuqu hemm il-firma tieghu bhala vici-president, tal-president u tal-kaxxier. Qal li l-ghada kienu garrew kollox.

In kontro ezami, Anthony Borg kien qal li Charles Farrugia kien sabilhom xi nies biex ibieghu l-affarijiet li kellhom u fil-fehma tieghu Farrugia kien qed jinnegozja ghan-nies li kien gab mieghu dakinhar. Charles Farrugia kien ukoll vici president tal-federation u kien ukoll fil-federation dak iz-zmien. Spjega li effettivament ic-cekk li rcevew ma hargux Charlie izda n-nies li kienu barra. Cahad li n-nies kienu qeghdin gewwa fil-kamra tal-kumitat, imma sahaq li kienu barra l-kamra. Huwa minnu illi Charlie Farrugia kien mar, ghamel negozjati maghhom u n-nies qaghdu barra jistennew f'kamra ohra. Is-somma ta' hamest elef Ewro talbuha biex jaqtghu l-ispejjez kollha li kellhom. Sostna li l-affarijiet li hadu dawn in-nies kienu jiswew aktar minn erbat elef Ewro. Qal li jahseb li kien hemm bejn wiehed u iehor xi hmistax-il pannier, pero' meta' ngarru ma kienx hemm. Spjega li pannier dejjem jiswa mitt Ewro. Kompla jispjega li l-panniers kienu tal-club u l-federation qaltilhom li kien hemm xi panniers li kellhom ihallsu taghhom u fil-fatt hallsuhom ukoll. Spjega illi effettivament dawn il-panniers kienu tawhomlhom il-Federation fil-bidu u dawn jibqghu jintirtu.

Ftakar li Charlie Farrugia li kien qed jiddilja maghhom kien ex-president tal-federation u kien hu stess li qalilhom li l-assi li kellhom setghu ibieghuhom u zied li kieku ma kienux taghhom zgur ma kinux ibieghuhom. Qal illi fuq transfer tal-club ma jistghux jiehdu decizjoni huma izda tali decizjoni tittiehed mill-Federation. Stqarr li huwa minnu illi Charlie dakinhar semmiha din il-haga, pero' huma ma qalulux li setghat issir ghax dik ma kinitx problema taghhom. Sostna li huma ma nnegozjawx it-transfer u d-diskors ma kienx biex ikun hemm transfer tan-numru 08.  Id-diskors kien biex jinbieghu l-affarijiet u l-isem tal-club qatt ma gie diskuss li ha jinbiegh. Sahaq li qatt ma tkellmu mal-Federation biex jaghmlu dan it-transfer. L-unika diskussjoni li kien hemm mal-Federation kienet li baghtu ghalihom biex ihallsu l-panniers peress li ma kienux taghhom u fil-fatt hallsuhom.

Cahad dak li gie suggerit lilu li l-Federation kienu baghtu ghalihom ghax kienu semghu li se jaghmlu t-transfer tal-08 ghaliex huma lill-Federation qatt ma qalulhom li se jaghmlu t-transfer. Zied li l-Federation qalulhom li kienu semghu li kien se jsir xi transfer. Marru quddiemhom u qalulhom li kienu nehhew kollox u ghalqu l-club u qalulhom li issa hija decizjoni taghhom jekk isirx permess iehor jew le. Zied li l-Federation kienet tathom computer ghall-club u min ma kienx ha l-computer kienet taghtu l-flus kemm jiswa l-computer. Il-computer taghhom kien inghatalhom mill-Federation. Min fil-club kellu computer modern ircieva l-flus. Mistoqsi jekk hallsux lill-federation dwar il-computer li rcevew jghid illi ma jafx dwar dan. Inoltre qal li kien hemm crieket tal-hamiem ukoll li nbieghu, kif ukoll il-magni biex tlibbishom, u kaxxi tal-hamiem fejn tpoggi l-arloggi. Mistoqsi kemm huwa l-prezz taghhom ma jafx ghaliex il-kaxxier kien jixtri. Kien hemm ukoll xi gageg zghar. Zied jghid li tawhom kull ma kien hemm fil-club, u jiswew u ma jiswewx ircevew dik is-somma u dak kien in-negozju.

Fl-1 ta' Gunju, 2016 xehed ukoll **Stephen Schembri** li qal li hu kien membru fil-kumitat tal-club 8 maghruf bhala Sliema Racing Pigeon Club. Ix-xhud qal li hu kien involut fin-negozju li sar f'Ottubru tas-sena 2013, liema negozju kien sar ma' Charlie Farrugia tal-Federation u li huwa wkoll membru fil-kumitat tal-Federation. Mieghu innegozzjaw li jbieghu l-assi li kien baqa' fil-club u dana ghall-ammont ta' erbat elef Ewro (€4000). Spjega li bhala assi kien hemm computer, panniers, television, u l-affarijiet kollha konnessi mal-hamiem. Qal li huma kienu talbuh somma ghall-assi li kellhom, hareg ghal ftit hin fis-sens li telaq mill-club u mbaghad mar lura w talabhom inaqqsulu s-somma w huma talbuh erbat elef u hames mija, izda hu tahom erbat elef. Dak il-hin rega' hareg mill-kamra u baqa' fil-club, sakemm huma tkellmu bejniethom u ddecidew li jsolvu din il-kwistjoni billi jkopru l-ispejjez b'dan l-ammont. Huma accettaw. Sostna li waqt li Charlie Farrugia kien qed ikellimhom, in-nies baqghu barra jistennew f'kamra ohra u ghalhekk il-kumitat innegozja ma' Charlie Farrugia biss. Huma rcevew pagament permezz ta' cekk ghas-somma ta' erbat elef Ewro (€4000), ghalkemm ic-cekk in kwistjoni huwa ma rahx. Mistoqsi mill-Qorti jekk

iffirmax xi ftehim dwar dan in-negozju, wiegeb illi jista' jkun, ghalkemm qal li ma kienx iffirma l-ftehim li jinsab ezebit fl-atti a fol 23. Bil-flus li rcevew hallsu l-kontijiet li kellhom pendenti, bhal kera b'lura, dawl u ilma kif ukoll xi pendenzi mal-Federation.

Stqarr li hu kien wiehed milli tkellem l-aktar f'dan il-ftehim, fejn lil Charlie Farrugia kien qallu li hemmhekk kienu bil-kera u li l-ftehim kellu jkun wiehed sod ghax una volta huwa jaccetta ma setghux jergghu imorru lura ghax il-flus kienu se jintefqu fi spejjez tal-club u peress li meta kien ha jispicca l-club il-post kienu ha jtuh lura lil sidu. Kien mar jiftah lill-konvenut Francis Pace u dan kien garr kull ma' kien hemm peress li kienu taw il-permess.

Rat illi b'digriet datat 22 ta' Marzu 2017, il-Qorti awtorizzat li jigu kjamati in kawza tal-ex-socji tas-Sliema Pigeon Racing Club u cioe' George Debono, Antoine Borg, Patrick Abdilla, Ramon Bencini, Anthony Borg, Gordon Farrugia, Jason Falzon, Stephen Schembri, Marco Formosa, Marco Camilleri, Dominic Abela u Reuben Abela. Dawn kollha gew notifikati pero hadd minnhom ma pprezenta xi risposta.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet tal-fatti. Dik moghtija mill-attur li jghid li kien ftiehem mal-Membri tas- Sliema Pigeon Racing club li kien ser jakkwista il-club numru 8 bl-assi kollha tieghu ghall prezz ta' erbat elef euro (€4,000) u dik moghtija mill-konvenuti li jghidu li huma kienu ftiehmu ma Charles Farrugia ghan-nom ta' l-attur li kellu jixtri l-assi tas-Sliema Pigeon Racing Club versu l-prezz miftiehem ta' erbat elef euro (€4,000) .

Sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, trid tirrizulta l-prova li l-attur kien ftiehem mal-membi ta' Tas-Sliema Pigeon Racing Club li huwa xtara l-assi tal-club flimkien mal-permess sabiex jopera bhala Sliema Pigeon Racing Club gewwa Ghawdex bl-istess numru 8 u mhux li xtara biss l-assi tal club kif jghidu l-konvenuti . Mill-provi prodotti jidher li hemm konflitt car fil-verzjonijiet illi taw il-membri tal Club u l-attur. Minn naha wahda, Pace jghid li kien ftiehem (ghalkemm prezenti, ghall-ftehim ma kienx ghaliex ghan-nom tieghu kien deher Charles Farrugia) li xtara ukoll il-permess tal-Club kif registrat mal-Federation bin-numru 8 peress li l-club ta' Tas-Sliema kien ser jghalaq. Il-konvenuti dan jichduh u jghidu li dan ma setax isir ghaliex hemm procedura sabiex club tottjeni permess fosthom li jrid ikun hemm elf u hames mitt membru u li jigi approvat mill-Federation. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-konsistenza u kredibilita tax-xhieda li semghet il-Qorti.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

"*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*".

Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**<u>Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma</u>**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u*

*verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*"
(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

"*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*"

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986).

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" dik il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika*" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ċiantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).

*… Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - **Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)**

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bil-fors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.)

Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju

li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - **Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe)**. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**).

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Meta ftehim bejn persuni jsir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li hija forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U ftehim li jsir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Beacon vs Spiteri Staines**" jinghad hekk –

Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.

Skond l-**Art 993 tal-Kap.16** –
"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*" (ara : "**Depares noe vs O` Dea noe**" : Appell : 25 ta` Gunju 1996).

Ghalhekk f`kull ftehim l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati in bona fede (ara : "**Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et**" : PA/WG : 30 ta` April 1987).

Fil-kaz odjern xehed l-attur li spjega kif kien wasal fi ftehim ma Sliema Pigeon Racng Club li jixtri atrezzi tal-club kif indikat fid-dokument B esebit fl-atti

flimken mal-permess tal-Club numru 8 bil-ghan li jiftah club gewwa Ghawdex. Jirrizulta pero' li huwa ma kienx qed jippartecipa fin-negozjati li kienu ghaddejjjin fuq dan in-negozju ghaliex ghan-nom ta l-attur prezenti mal-membri tal-Club kien hemm Charles Farrugia li nzerta huwa membru tal-Federation. Illi l-attur qal li tkellem mal-membri tal-Club flimkien ma Charles Farrugia pero' barra kien hemm mieghu Josette Stellini u Mark Cilia. L-attur jghid li meta il-membri tal-Club tawhom prezz huma hargu mill-kamra sabiex jiddiskutu dan il-prezz ma Stellini u Cilia. Ikkonferma li c-cekk ta' erbat elef euro hareg mill-kont tieghu f'isem Sliema Pigeon Racing Club u ghaddih lil Marcel Bencini.

Charles Farrugia pero ma xehdx f dawn il-proceduri sabiex jelabora jew jikkollobora dak li allegatament sehh skond il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur.

**Mark Cilia** xehed pero' li ma kkonfermax dak li qal Francis Pace u dan ghaliex minkejja li kkonferma li kien gie Malta ma' Francis Pace biex jinnegozja l-akkwist tal-club numru 8 jghid li kien prezenti waqt laqgha fejn gie miftiehem li effettivament kien se jinbiegh il-permess tar-Racing Pigeons lil Francis Pace ghas-somma ta' erbat elef (€4,000) u mal-permess kellhom jghaddulu l-affarijiet li kien hemm li kienu jappartjenu lill-Federation bhal computer, printer u xi panniers. Ix-xhud jaf li l-Pigeon Racing ta' Tas-Sliema kellhom skrivanija tal-plastik u xi lockers li nghataw lis-Sur Pace bhala parti mill-prezz. Ikkonferma li l-pitghada kienu marru fuq il-post u gabru l-armar u l-affarijiet li kienu ftehmu dwarhom fil-laqgha.
Ghalhekk gja hemm konflitt f'dak li qal l-attur li stqarr li kien hu ma Charles Farugia u l-konvenuti li ftiehmu u li Cini qaghad barra waqt li Cini jghid li kien prezenti ghan-negozjati.

Min naha l-ohra l-konvenuti xehdu u jghatu storja differenti.

**Marcel Bencini** membru tal-Club stqarr li ma setghux ikampaw finanzjarjament ghax il-loghob jinvolvi hafna spejjez u kienu jiddeciedu li jaghlqu l-*club* u l-unika alternattiva li kellhom kienet li jbieghu l-assi tal-*club* sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn li kellhom. Ghalhekk huwa flimkien ma Patrick Abdilla agixxew f'isem il-*club* biex ibieghu l-assi f'laqgha li kien hemm ma Charles Farrugia li dak iz-zmien kien il-membru fuq il-Bord tal-Federation u kien anke ex-president tal-Federation. Ghalhekk fl-opinjoni tieghu, Farrugia kien konxju tal-affarijiet. Ikkonferma li f'xi hin dan Farrugia hareg mill-kamra biex jiddiskuti ma' shabu jekk il-prezz li kienu ftiehmu ta' erbat elef euro (€4,000) kienx accettabli ghalihom. F'din il-laqgha kien hemm il-membri tal-club u Charles Farrugia biss jghid. Ikkonferma li l-assi tal-*club* li kienu ser ibieghu kienu " *jikkonsisti primarjament f'xi hmistax-il panniers tal-aluminium u li jiswew hafna flus. Kien hemm ukoll xi gageg peress li kienu jorganizzaw xi pigeon shows. Inoltre kien hemm anke xi cabinets tal-ufficcju, kompjuter u xi makkinetti u crieket tal-hamiem".*

Ikkonferma illi ghalkemm in-negozjati kienu saru ma' Charles Farrugia, effettivament kien Francis Pace li hareg cekk f'isem il-*club* ghas-somma ta' erbat elef Ewro (€4000). L-affarijiet kollha li kienu ftehmu dwarhom hadhom l-ghada. Ikkonferma li bil-flus li rcevew thalsu l-ispejjes u kontijiet li kien ghad fadal tal-club. Insista li huma qatt ma ddiskutew ma' Charles Farrugia li jkun hemm *transfer* tal-*club* u waqt il-laqgha li kellhom ma' Charles Farrugia kienu ddiskutew biss il-bejgh tal-*pannier* ghaliex il-*code* tal-*club* ma jistax jinbiegh. Patrick Abdilla, Stephen Schembri u Anthony Borg ikkonfermaw dak kollu li qal Marcel Bencini fix-xhieda tieghu u insistew li ftehim fuq il-bejgh tal-permess tal-club qatt ma kien hemm. Resqu ukoll il-Johann Farugia Segretarju Generali fil-Federazzjoni tal-Hamiem u dan ikkonferma li in effetti huwa minnu li ma jistax isir trasferiment u bejgh ta' permess ta' club ta Pigeon Racing izda dan ghandu jghaddi mill-Federation skont l-Istatut.

Illi ghalhekk Charles Farrugia li kien membru tal-Federation messu kien jaf li din hi s-sitwazzjoni u li ghalhekk huwa aktar probabbli li l-ftehim li sehh bejn il-kontendenti kien jirrigwarda biss bejgh tal-assi tal-club kif deskritti fid-dokument B u mhux tal-permess kif qed jippretendi l-attur. Ix-xhieda tal-konvenuti ghandha aktar mis-sewwa f'dan il-kaz u tghamel aktar sens fid-dawl tal-provi prodotti.

Ill jinhghad li l-eccezzjoni tal-konvenuti li Patrick Abdilla u Marcel Bencini de proprio m'humiex il-legittimi kontraditturi ghandha tintlaqa' u dan ghaliex huma kienu qed jagixxu ghan-nom u in rappresentanza ta' Sliema Pigeon Racing Club u ghalhekk fil-vesti taghhom personali qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra fuq il-mertu l-Qorti hija tal-fehma li ghandhom jigu milqugha ukoll.

Ghaldaqstant it-talba ta' l-attur qed tigi michuda.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attur fl-intier taghhom.

Magistrat Dr. Consuelo Sceri Herrera

Dep. Registratur